**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Is-Seduta tat-Tlieta 19 ta' April, 2016**

**Avviz numru:- 11/2010JVC**

**Anton Camilleri**

**Vs**

**R.G.A Trading Partneship**

Il-Qorti,

Rat l-avviz datat 23 ta' Settembru, 2010 li permezz tieghu l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti:-

Prevja okkorrendo li tinghata kull dikjarazzjoni mehtiega, thallas lill-attur is-somma ta' tmint elef mitejn u sittin ewro (EUR 8,260) rapprezentanti prezz ta' "circular saw blade" mibjugh lill-attur liema "circular saw blade" hija affetta minn difett mohbi li jirrendiha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija ntiza u li jnaqqas il-valur tal-istess "circular saw blade" b'mod illi l-attur ma kienx jixtriha li kieku kien jaf b'tali difett.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-Rikors sal-hlas effettiv a karigu tas-socjeta' konvenuta rapprezentanti ta' liema huma ngunti, minn issa stess, ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta datata 18 ta' Ottubru, 2010 li eccepiet:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li mhux minnu li l-makkinarju mibjugh kien affett minn difett mohbi li jirrendih mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih kien intiz. Dak li r-rikorrent qieghed jikklassifika bhala difett latenti m'hu xejn ghajr uzu hazin tac-*circular saw blade* min-naha tal-istess rikorrent;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat id-dokumenti, xhieda u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rapport tal-ewwel espert tekniku l-Ingineer Emanuel Scerri kif ukoll ir-risposti tieghu ghad-domandi in eskussjoni kemm bil-miktub kif ukoll viva voce.

Rat ir-rapport tal-periti perizjuri l-Inginier Sergio Grech u l-Professur Maurice Grech kif ukoll ir-risposti taghhom ghad-domandi in eskuzzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Dicembru, 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza tikkoncerna l-bejgh ta' 'circular saw blade' jew sega mis-socjeta' konvenuta lill-attur, liema sega l-attur isostni li hija affetta minn diffett mohbi li jrendiha mhux tajba ghall-uzu li ghaliha kienet intiza u li jnaqqas il-valur tal-istess b'mod illi kieku l-attur kien jaf b'tali difett ma kienx jixtri din is-sega. Da parti taghha s-socjeta' konvenuta fir-risposta taghha eccepiet li mhux minnu li l-makkinarju mibjugh kien affett minn difett mohbi izda wahhlet fl-uzu hazin tas-'circular saw blade' min-naha tal-istess attur.

Illi mil-lat legali z-zewg partijiet jaqblu li l-azzjoni tentata mill-attur hija l-azzjoni rehdebitoria ai termini tal-artikolu 1427 tal-Kap. 16 li taqra kif isegwi:

'**1427.** Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jaghzel, billi jigi '1 quddiem bl-azzjoni rehdebitorja, li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jigi '1 quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tigi stabbilita mill-qorti.'

Jirrizulta li s-sega in kwistjoni giet depozitata l-Qorti tramite cedola ta' depozitu numru 326/2010 u tinsab ghand il-kunsinnatarju Marco Camilleri.

L-artikolu 1427 jsegwi l-artikoli 1424 sa 1426 li jaqraw kif isegwi:

'**1424.** Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom.

**1425.** Il-bejjiegh ma jwegibx ghad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom wahdu.

**1426.** Izda, huwa jwiegeb ghad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il- kaz, m'ghandux ikun obbligat ghall-

ebda garanzija.'

Da parti tieghu l-attur jinsisti li l-azzjoni rehdebitoria taghti garanzija lix-xerrej ghal difett latenti jew mohbi ezistenti fil-mument tal-bejgh fl-oggett mertu tal-bejgh u xiri u ghalhekk jinsisti li l-ezami li ghandu jsir minn din il-qorti ghandu jkun limitat ghall-ezami tal-kondizzjoni tal-oggett tal-bejgh hekk kif kien fil-mument tal-bejgh u xejn aktar inkluz id-daqs tas-snien konsenjat mal-istess 'circular saw blade' u mhux dawk konsenjati wara. Is-socjeta' attrici mihijiex tal-istess fehma stante li tinsisti li ma kien hemm xejn li jevidenzja li kellha tigi konsenjata xi daqs ta' snien partikolari u li fi kwalunkwe kaz irrizulta mir-rapport tal-periti perizjuri li d-difett kien fl-alinjament tal-magna u mhux fis-'circular saw blade'.

Fic-cirkustanzi ta' kif graw il-fatti f'din il-kawza l-Qorti tqis li huwa ta' rilevanza wkoll dak li jghid l-artikolu 1431 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif isegwi:

'**1431.** (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil- preskrizzjoni, ghal dawk li huma mmobbli, bl-gheluq ta' sena minn dakinhar tal-kuntratt, u, ghal dawk li huma hwejjeġ mobbli, bl-gheluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haġa mibjugha.

(2) Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haġa, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx ighaddu hlief minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.

(3) Iz-zminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jinghad fl-artikolu 1407(2).'

B'mod partikolari l-Qorti taghmel referenza ghall-fatt li l-kawza ntentata mill-attur kienet taqa' preskritta fi zmien sitt xhur mill-konsenja tal-oggett in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk tenut kont ta' dan il-fattur ser tghaddi sabiex telenka l-fatti kif sehhew skont l-atti f'dan il-kaz:

(i) Mill-'invoice' esebita a fol. 9 u l-ircevuta a fol. 10 tal-process jirrizulta li dan ic-'circular saw blade' thallas depozitu fuqu nhar l-24 ta' Marzu, 2010 filwaqt li jumejn wara thallas l-ammont rimanenti, data li l-Qorti qed tqis bhala d-data tal-konsenja tal-oggett in kwistjoni lill-attur. Skont l-'invoice' a fol. 9 tal-process jirrizulta li dak ordnat kien deskritt kif isegwi:

'1 Circ saw blade 2.2 m with 80 spring teeth & kit for changing teeth . . 80 Spare teeth & 100 spare rivets . .' u dan ghall-prezz totali ta' €8,260.
Minn din l-'invoice' ghalkemm ma jirrizultax id-daqs tas-snien li kellhom jigu konsenjati mas-sega in kwistjoni, huwa cert izda li kellhom jigu konsenjati snien sabiex dan ikun jista' jithaddem.

(ii) Skont l-attur fix-xhieda tieghu (fol. 13 et seq) huwa ma setax ikun jaf is-sega kinitx tajba fil-mument li giet ikkonsenjata stante li sabiex jaghmel dan kellu

jhaddem l-istess sega li sabiex tintrama jrid jintuza 'lifter'. Huwa jsostni li qabbad lil certu Emanuel Rotin (li xehed ukoll f'din il-kawza fol. 30 u 31 tal-process u li kien konoxxenti kemm tal-attur kif ukoll tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta l-Perit Raymond Agius u li kien hu li fil-fatt laqqa' lill-attur mar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta) sabiex jarmalu s-sega l-ewwel darba biex ikun jista' jahdem biha. Skont l-attur izda din is-sega sa mill-ewwel darba li ntuzat wriet li ma kinitx tajba ghaliex bdiet tishon b'rizultat li titghawweg b'tali mod li ma tahdimx sew. L-attur jinsisti a fol. 14 tal-process li sa dakinhar is-sega huwa uza ghal ftit minuti dik id-darba biss u kellem mill-ewwel lill-Perit Raymond Agius dwar l-ilment tieghu. Isostni li l-Perit Agius qallu li ser igib xfafar akbar stante li dawn jistghu jinqalghu u jinbidlu.

Jirrizulta li l-Perit Agius, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta fil-fatt gab ix-xfafar jew snien ta' daqs divers u cioe 16mm u permezz ta' Emanuel Rotin rega' sar tentattiv sabiex tintuza din is-sega. F'dan l-istadju l-Perit Agius ghalkemm kien baqa' jinsisti li l-magna tal-attur ma kinitx isettjata tajba xorta kien hu li propona li jgib snien ta' daqs divers. Dan it-tieni tentattiv sar quddiem l-istess Perit Agius fejn skont l-attur deher li l-magna kienet qed tahdem tajjeb. Jghid izda li malli l-Perit Agius u Emanuel Rotin telqu minn fuq is-sit il-haddiema tieghu regghu cemplu l-attur li kien hemm il-problemi u kellhom jergghu jwaqqfu s-sega milli tahdem. F'dan l-istadju l-attur rega' lmenta mal-Perit Agius li nfurmah li kien rega' tkellem mal-ufficcju minn fejn giet konsenjata s-sega u jghid li dawn qalulu sabiex jerga' jkabbar ix-xfafar. F'dan l-istadju l-attur jixhed:

'Min-naha tieghi rajt illi ghaddej iz-zmien u m'ahniex naghmlu progress. Hadt parir legali li ghamilna din il-kawza.' (fol. 15)

Jirrizulta lil din il-Qorti li l-kawza giet ipprezentata fit-23 ta' Settembru, 2010 cioe' ftit jiem qabel kien ser jiskadi t-terminu tas-sitt xhur ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kap. 16 sabiex l-attur jipprezenta l-kawza odjerna u jipprevali ruhu mid-dritt tieghu li jitlob ir-redibitoria ai termini tal-artikolu 1427 tal-Kap. 16. Li kieku thallew jghaddu tlett ijiem ohra l-attur kien jitlef dan id-dritt skont il-ligi.

Jirrizulta li sa dakinhar il-pariri li kien qed jinghata l-attur minn nies tas-sengha bhal Emanuel Rotin li kien laqqa' lill-attur mal-konvenut u wkoll mill-electrical engineer Joseph Galea li tqabbad mill-istess socjeta' konvenuta kien illi fil-fehma taghhom in-nuqqas ma kienx mill-magna izda mis-sega li kienet qed thokk mal-hajt (ara fol. 25 u fol. 31). Emanuel Rotin ikkonferma wkoll li l-ewwel darba li twahhlet is-sega kien anki sar 'setting' tal-magna izda xorta din ma kinitx hadmet sew.

A fol. 32 tal-process il-Perit Raymond Agius jixhed kif isegwi:

'Rotin rega mar u ssettja l-magna. Jien ma kontx prezenti f'din it-tieni okkazzjoni. Qalli li hadmu ghal xi siegha u mbaghad telaq mill-post. Qalli li malli wasal id-dar cempillu Anton Camilleri jew lavrant u qal li sahnet. Wara saret laqgha fl-ufficcju tieghi. Kien hemm Rotin u Anton Camilleri. Ftehmna li ngibu 'spring teeth usa'. Din id-darba proponejt 20mm. Anton Camilleri qabel mieghi. Dawn ordnajthom.

Fil-gurnata li waslu waslitli t-tahrika tal-Qorti.'

Jirrizulta ghalhekk car mis-suespost li mal-iskadenza tas-sitt xhur impost mil-ligi fuq l-attur sabiex huwa jipprezenta l-kawza ai termini tal-artikolu 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta s-socjeta' konvenuta ma kinitx ghadha provdiet ix-xfafar/snien tad-daqs 20mm stante li dawn waslu ghand is-socjeta' konvenuta sahansitra fl-istess gurnata li giet notifikata bil-kawza li certament tkun gurnata oltre l-prezentata tal-kawza. Fil-fatt minn fol. 2 (wara) jirrizulta li s-socjeta' konvenuta giet notifikata nhar it-12 ta' Ottubru, 2010 u ghalhekk dan jevidenzja li x-xfafar tad-daqs 20mm la waslu fl-istess gurnata kif jikkonferma l-istess Perit Raymond Agius dawn kienu ghand is-socjeta' konvenuta f'gurnata oltre t-terminu ta' sitt xhur li l-attur kellu sabiex jipprezenta l-kawza odjerna. Apparti minn hekk minn din ix-xhieda johrog ukoll li l-Perit Raymond Agius f'dak l-istadju ma kienx qed joggezzjona anki jidher li kien qed jaccetta li l-magna tigi ssettjata minn dan Emanuel Rotin sabiex tkun tista' tigi pruvata s-sega in kwistjoni.

Il-Qorti qed taghmel dan l-ezercizzju sabiex tidentifika ezattament liema parti mill-oggetti konsenjati mis-socjeta' konvenuta kienu ghand l-attur sal-mument li huwa kellu bil-fors jipprezenta l-kawza odjerna ghar-raguni li fir-rapporti peritali prezentati fl-atti tirrizulta differenza bejn meta s-sega in kwistjoni thaddmet bix-xfafar tad-daqs izghar minn 20mm li kienu f'idejn l-attur qabel l-iskadenza tas-sitt xhur u li bihom jidher li s-sega ma hadmitx sew filwaqt li jidher li bix-xfafar ta' daqs 20mm u li ma kienux ghand l-attur qabel it-terminu tas-sitt xhur din is-sega kien hemm ftit okkazzjonijiet fejn hadmet tajjeb.

Il-Qorti ghalhekk f'dan l-istadju taghmel referenza fl-ewwel lok ghar-rapport tal-Ingineer Emanuel Scerri esebit a fol. 97 et seq u wkoll ir-risposti ghad-domandi in eskussjoni kemm *viva vocie* u bil-miktub u tislet mill-istess il-partijiet li tqis l-aktar rilevanti kif isegwi:

1. A fol. 100 jirrizulta li sar test fil-prezenza tal-Ingineer Emanuel Scerri bix-xfafar tad-daqs ta' 16mm li jirrizulta lil din il-Qorti li kienu nghataw u fil-pussess tal-attur qabel l-iskadenza tas-sitt xhur mill-konsenja ghalkemm dawk originali konsenjati lill-attur kienu tad-daqs 12.5mm. Il-Perit tekniku jsostni li 'hekk kif is-sega qatghet tlieta u tletin pied ta' trinka din bdiet tivvibra u ghalhekk il-qtugh kellu jieqaf.' (fol. 101). Ikompli jispjega fir-rapport li rrizulta li s-sega sahnet b'rizultat li tqammret u bdiet titghawwweg. 'B'hekk il-profil tas-sega jinbidel u jintilef l-iskop ghal x'hiex giet iddisenjata din il-lupa.' (fol. 102)

2. A fol. 104 jirrizulta li sar test ukoll fil-prezenza tal-Ingineer Emanuel Scerri din id-darba bix-xfafar wisghin 20mm, li izda ma gewx ikkonsenjati lill-attur qabel l-iskadenza tas-sitt xhur mill-konsenja tas-sega anzi dawn gew konsenjati wara li nfethet il-kawza. Huwa jsostni fir-rapport tieghu li 'deher li s-sega kif kienet armata issa bi snien ta' 20 mm kienet qed taghmel id-dover'. Jirrizulta izda li minhabba li tqajjmu dubji li seta' gara hekk minhabba li l-gebla kienet imxarrba bix-xita u allura din serviet sabiex ittaffi s-shana fis-sega, l-Ingineer Emanuel Scerri accetta li jsir test

iehor f'gurata ohra.

3. Fit-tielet access li sehh nhar it-28 ta' Mejju, 2012 gie rilevat kif isegwi:

'F'dan l-access il-magna nstabet diga' armata bis-sega skont l-ahhar access li sar, jigifieri bi snien ta' 20mm. Hawnhekk tajjeb li wiehed jirrimarka li s-sega nstabet bi snien imkissrin. Fit-total inghaddew hdax-il sinna miksura. F'dan l-access il-perit tekniku ha l-inkarigu li jiccekkja jekk il-magna kinitx issofri minn xi laxk fil-'bearings' . . fejn irrizulta li l-magna kienet fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. . . wara li saru dawn l-ispezzjonijiet il-magna u r-rails gew ippreparti halli l-magna taghmel l-ewwel trinka b'fond ta' tliet priedi . . . bil-magna saru zewg qaghtat, wahda twila erbatax-il pied u l-ohra ta' tmienja u ghoxrin pied. Fl-ahhar trinka l-magna ma regitx u bdiet tivvibra. Il-magna twaqqfet u giet iccekkjata. Instab li l-lupa regghet iddiformat u tqammret.' (fol. 107 u 108).

4. Konsegwenti ghal dak suespost, fir-rapport tieghu datat 29 ta' April, 2013 l-Ingineer Scerri wasal ghall-konkluzjonijiet segwenti (fol 110 u 111):

'- Il-lupa giet armata fuq magna li tqatta' l-gebel tal-franka.

- Il-magna ma tosservax tolleranzi ristretti b'rizultat li l-lupa ma hijiex flessibbli biex tittolera dan. Aktar u aktar meta din il-magna timxi fuq 'rails' li thalli lok ghall-moviment laterali u caqliq mil-linja vertikali waqt li l-lupa tkun qed tqatta' t-trinka.

- Li l-lupa tishon meta jintilfu t-tolleranzi u ghaldaqstant titqammar.

- It-toleranzi rikjesti biex tkun tista' tahdem din il-lupa jkomplu jintilfu meta wiehed jqis wicc il-barriera li mhux kompletament catt, izda jvarja minn lok ghall-iehor ta' fejn jitpoggew ir-'rails'.

- Infatti l-lupa la hadmet tajjeb kif mistenni meta din giet armata bi snien ta' 16mm u l-anqas bi snien ta 20mm, hlief b'mod dubjuz meta l-art kienet mghobbija bl-ilma.

- Ghaldaqstant nikkonferma wara li studjajt sewwa l-kaz, li l-lupa mixtrija ma tilhaqx l-aspettattivi tal-attur, u ma hijiex tajba biex tahdem fuq magna tat-tqattigh tal-gebla tal-franka gewwa barriera.'

A fol. 134 l-istess perit tekniku jixhed kif isegwi:

'Jien ghidt fir-rapport li jekk it-tolleranzi u r-rails jitpoggew kif suppost il-blade ghandha tahdem. Ghidtu fl-ahhar tar-rapport tieghi. Pero' ghidt ukoll li f'barriera dawn it-tolleranzi m'humiex possibbli li tilhaqhom. Ghalhekk ghidt li jekk thaddimha kif suppost il-blade ghandha tahdem sewwa. Imma fil-barriera dan ma jintlahaqx. Ghalija, dejjem ghalija, ma jintlahaqx. Dana fit-triq ukoll ghandek it-tolleranzi fil-wicc tat-tarmac, jigifieri f'barriera ghandek it-tolleranzi wkoll.'

5. Wara r-rapport tal-ewwel perit tekniku giet milqugha t-talba ghan-nomina ta' periti perizjuri. Dan ir-rapport li jinsab a fol. 194 et seq tal-process gie pprezentat fl-atti f'Mejju 2015. Jirrizulta li l-ewwel access fuq is-sit sar nhar l-1 ta' Settembru 2014 fejn dakinhar giet imnaddfa s-sega u mibdula s-snien li kienu mkissra li kienu jammontaw ghal disa' u ghoxrin filwaqt li l-ahhar darba li suppost din intuzat fl-ahhar access kellha hdax miksura. Din l-Qorti ma sabet imkien fl-ewwel rapport li jista' jitfa' dawl dwar jekk id-differenza f'dawn in-numri setax irrizulta wara li saret l-ahhar prova fl-ewwel rapport u ghalhekk dan ma jistax jigi eskluz. Nhar it-2 ta Settembru 2014 saru l-provi proprja kemm tas-sega l-antika tal-attur kif ukoll tas-sega in kwistjoni. Jirrizulta li ghalkemm b'xi varjazzjoninijiet bejn id-daqs tas-snien u l-qtugh tas-sega (fejn dan ta' l-ahhar kien aktar wiesa') is-sega l-antika tal-attur jidher li ghamlet xogholha minghajr problema u dan bis-'set-up' tal-magna kif provduta mill-attur u r-'railings' li tintuza fuqhom normalment.

Min-naha l-ohra a fol. 235 tal-process dwar is-sega koncernata f'din l-kawza dwar test preliminari jinghad kif isegwi:

'It was planned to cut three runs of 20.2m as per previous tests carried out using blade number 1, however the test was stopped after just 6.8m because of vigorous vibration of the blade.'

Jirrizulta li tul dan it-test intuzaw ix-xfafar tad-daqs 20 mm.

A fol. 240 jinghad konsegwentement illi:

'Results indicated that though the blade was perpendicular to the ground yet it was twisted around a vertical axis. Figure 77 will help the reader to visualize this. The misalignment also explained why the width of the kerf was 28mm, figure 70 and not 20, the actual thickness of the blade.

At this stage the undersigned gave direct instructions to reset the cutting machine drive axis.'

Jirrizulta mir-rapport li konsegwenti ghal dan il-periti perizjuri taw struzzjonijiet dwar kif il-magna u s-sega kellhom jigu issettjati sabiex din finalment wara testijiet u kejl li sar minnhom 'the blade was now perfectly aligned within the kerf and thus tests could resume.'

Wara li sar dan kollu rega' sar test bix-xfafar ta' daqs 20 mm u l-konkluzzjoni tal-periti perizjuri kienet kif isegwi (fol. 271):

'5.1. The circular saw supplied by RGA Trading is fit for purpose and can produce limestone blocks of the required quality and at least at the same speeds attained with the blades being used at present.

5.2 Within the submitted court file, the undersigned found no technical

documentation submitted by plaintiff which stipulate blade width. Thus from a technical point of view, the width of the blade should not be used as a criteria to establish whether or not the circular saw blade meets the plaintiff's specification.'
Il-Qorti tinnota l-emfasi tal-periti perizjuri fuq il-kliem 'the blades being used at present' u cioe' dawk ta' daqs 20 mm li din il-Qorti gia vverifikat fil-konsiderazzjonijiet taghha li ma kienux fil-pussess tal-attur fil-mument li huwa ntavola l-kawza odjerna u sakemm skada t-terminu ta' sitt xhur minn meta din is-sega giet konsenjata lilu.

- A fol. 331 tal-process jinsabu r-risposti in eskussjoni tal-Periti Perizjuri fejn fost ohrajn jiddikjaraw kif isegwi:

'The fact that after setting of the machine, the kerf produced by the blade supplied by RGA Trading was reduced from 28mm to 20mm, the actual thickness of the blade, is irrevocable proof that the machine was misaligned.'

u dan b'referenza ghall-prova li saret fit-2 ta' Settembru, 2014.

Isostnu wkoll illi:

'During the meeting of the 4th August, in which all parties were represented, it was agreed to carry out tests using the new circular saw supplied by RGA Trading mounted with 20mm spring teeth. The tests which were carried out as agreed may be indicative of the performance of a blade having a smaller overall width but these cannot be claimed to be conclusive.

It would be technically incorrect to state that the width of the teeth has no relevance to the performance and indeed the undersigned never made such a claim. '

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Jirrizulta mill-atti li l-attur kien fil-fatt ghamel rikors lil din il-Qorti sabiex il-periti perizjuri jaghmlu wkoll testijiet bis-snien ta' daqs izghar stante li dawk kienu nghataw lill-attur originarjament u sahansitra kienu wkoll gew provduti ohrajn ta' daqs akbar minn dak li nghataw originarjament izda izghar minn dawk ittestajti mill-periti perizjuri izda s-socjeta' konvenuta kienet oggezzjonat ghal tali talba u l-Qorti konsegwentement cahdet l-istess. Ironikament izda jirrizulta llum lil din il-Qorti li kieku s-socjeta' konvenuta ma oggezzjonatx li jsiru dawn it-testijiet b'rizultat li t-talba kienet tigi akkordata dawn setghu possibilment urew li anki bix-xfafar izghar is-sega kienet tahdem tajjeb u dan kien ikun prova favur l-istess socjeta' konvenuta. Dan izda ma sarx u llum il-Qorti ghandha biss f'idha prova wahda ta' dawn ix-xfafar u cioe' l-prova li saret bix-xfafar tad-daqs ta' 16mm li jirrizulta li ma marritx tajjeb.

Apparti r-rizultanzi kif suesposti biz-zminijiet kif notati minn din il-Qorti rrizulta wkoll mix-xhieda tal-Perit Raymond Agius b'mod partikolari a fol. 38 tal-process li

ghalkemm huwa minnu li huwa kien ilu jbiegh segi, dawn izda kienu ghall-qtugh ta' gebel lest u mhux ghall-qtugh tal-blat fil-barrieri. Jirrizulta wkoll li din kienet l-ewwel darba li huwa biegh din it-tip ta' sega liema sega huwa kien gie mgharraf ben tajjeb mill-attur li kienet ser tintuza ghall-qtugh tal-blat fil-barriera tieghu. Kienet sahansitra din il-Qorti diversament preseduta li rrimarkat lill-Perit Agius illi fil-'brochure' esebita a fol. 35 tal-process is-sega tidher esposta ma' l-injam u mhux mal-gebel u ghalhekk saru bosta domandi dwar kif l-istess Perit Agius seta kkonferma qabel l-ordni dwar l-idoneita' taghha ghall-qtugh ta' blat f'barriera. Dawn id-domandi da parti tal-Qorti diversament preseduta harget aktar ir-rilevanza taghhom fil-mument li l-istess Perit Agius xehed li ftit li xejn huma l-pajjizi li ghandhom il-gebla bhal ta' Malta, fi kliemu, jista' jkun hemm regjun fl-Italja izda mkien aktar. Il-Qorti gharblet sew il-'brochure' in kwistjoni u ghalkemm jidher biss l-injam u jinghad li hija 'capable to heavy use' mkien ma jinghad car li din tista' tintuza ghall-iskop li giet ordnata mill-attur u cioe' t-tqattiegh ta' blat f'barriera. Dan iqajjem dubji serji f'mohh din il-Qorti dwar kemm il-kumpanija konvenuta setghet tkun konvinta mill-idoneita tas-sega ordnata minnha, filwaqt li da parti tal-attur jirrizulta li kien ghamel car l-uzu li huwa ried jaghmel minn din is-sega. L-istess Perit Agius xehed li kellu xi e-mails bejnu u bejn il-kumpanija barranija li xehed li kellu jesebixxi izda l-Qorti ma sabet xejn minn dawn esebiti fl-atti. Irrizulta wkoll kemm mix-xhieda tal-attur kif ukoll tal-Perit Agius li l-istess Perit ma hassx il-bzonn li jara l-magna tal-attur qabel ma jiddeciedi jekk issirx l-ordni ghal din is-sega partikolari jew le u wisq anqas mar fuq il-post ta' fejn kienet ser tintuza din is-sega sabiex *se mai* jivverifika l-mod ta' kif kienet ser tintuza l-magna. La darba l-prezz li kien ser ihallas l-attur ma kienx wiehed zghir, almenu kellha tinghata aktar attenzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta ghal dawn id-dettalji. Dan qed jinghad anki minhabba li rrizulta li l-magna tal-attur tahdem jew ahjar hi u tahdem timxi fuq 'railings' maghmula b'mod artigjanali appozitament sabiex tkun tista' tithaddem din il-magna. Dan certament huwa fattur li kellu jittiehed in konsiderazzjoni mis-socjeta' konvenuta qabel ma jigi deciz xi prodott jista' jigi ordnat.

Minn dak kollu suespost din il-Qorti hija rinfaccjata b'xenarju fejn ghalkemm l-attur kien ghamilha cara mal-konvenut x'tip ta' sega huwa kellu bzonn b'mod partikolari l-uzu taghha ghall-qtugh ta' blat fil-barriera, fil-mument li din giet konsenjata lilu, ghalkemm giet issettjata minn persuna ta' fiducja taz-zewg partijiet cioe' Emanuel Rotin, din ma hadmitx sew. Is-socjeta' konvenuta fil-mori tas-sitt xhur mill-konsenja ssuplixxiet xfafar ta' daqs akbar u cioe' dawk ta' 16mm (li wkoll gew ittestjati mill-ewwel Perit Tekniku fil-mori tal-kawza). Jirrizulta li b'dawn ix-xfafar u nonostante li l-magna kienet giet issettjata minn Emanuel Rotin, meta l-attur prova l-istess qabel infethet il-kawza, is-sega hadmet tajjeb ghal ftit hin u wara regghet tqammret. Din ix-xhieda tal-attur dwar dan il-punt ma giex kontestat mis-socjeta' konvenuta. Sat-terminu tas-sitt xhur mill-konsenja l-attur ma giex suppliet b'xejn aktar u s-sega in kwistjoni baqghet sa dak l-istadju ma tistax tintuza u l-attur ha d-decizjoni li tinetah il-kawza. Li kieku l-attur qaghad jistenna li jaslu x-xfafar ta' daqs 20mm kien jiskadi t-terminu tas-sitt xhur u kien jitlef id-dritt ghar-*redhibitoria*.

Mir-rapporti tal-Perit Teknici li ovvjament saru oltre l-perjodu tas-sitt mill-konsenja

rrizulta li xorta wahda x-xfafar tad-daqs 16mm meta s-sega giet ittestjata bihom ma jidhirx li ghamlu differenza ghaliex il-sega sahnet, tbewqet u kellha titwaqqaf (ara fol. 101 u 102). Kif gia nghad rrizultat ukoll ta' oggezzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta dawn ix-xfafar snien izghar ma regghux gew ittestjati mill-periti perizjuri. Ghar-rigward tax-xfafar ta' daqs 20mm din il-Qorti ghandha quddiemha zewg provi li saru mill-ewwel perit tekniku fejn f'wahda minnhom is-sega hadmet sew (ghalkemm f'kundizzjonijiet ta' blat imxarrab) u fil-prova ta' wara f'kundizzjonijiet ta' art niexfa din regghet kellha titwaqqaf. Ghandha wkoll quddiemha zewg provi li saru mill-periti perizjuri fejn mal-ewwel tentattiv din ukoll kellha titwaqqaf u kien biss wara li sar 'setting' metikoluz tal-magna tal-attur minn nies professjonali u cioe' mill-istess periti perizjuri li jidher li din hadmet sew. Nonostante dan izda l-periti perizjuri emfasizzaw fil-konkluzjoni taghhom li s-sega hadmet sew bix-xfafar ta' daqs 20mm filwaqt li fid-domandi in eskussjoni rrispondew li ma kienux f'posizzjoni li jghidu jekk kienx ikun hemm l-istess rizultat bix-xfafar tad-daqs l-iehor li kienu suppliti lill-attur tul is-sitt xhur mill-konsenja tas-sega.

Mil-lat legali fil-kawza fl-ismijiet Reuben u Maria Tania konjugi Briffa vs. Joseph u Mary konjugi Mallia datata 28 ta' Frar, 2002 (PA RCP) inghad kif isegwi:

'Illi fil-fatt l-azzjoni redhibitoria jew aestimatoria taghti garanzija lix-xerrej ghal difett latenti jew mohbi ezistenti **fil-mument tal-bejgh** fl-oggett mertu tal-bejgh u xiri . .'

Illi jekk din il-Qorti thares lejn il-mument tal-bejgh tas-sega li f'dan il-kaz huwa l-mument li din giet konsenjata lill-attur jirrizulta mill-fatti suesposti li s-sega in kwistjoni bix-xfafar ta' daqs 12.5mm ma hadmitx sew u dan kien wara li s-sega giet armata fil-post mhux mill-attur izda minn Emanuel Rotin li z-zewg partijiet kienu konoxxenti tieghu u jidher li kienu jafdaw fl-operat tieghu. Jirrizulta wkoll li bix-xfafar ta' daqs ta' 16mm li gew provduti lill-attur mis-socjeta' konvenuta fil-perjodu ta' sitt xhur mill-konsenja tas-sega l-istess sega xorta wahda ma hadmitx sew. Din kienet is-sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-attur meta kellu jiddeciedi jekk jintavolax il-kawza odjerna fil-perjodu ta' sitt xhur impost mil-ligi. Sa dak il-mument din il-Qorti tqis li l-attur ma kellu l-ebda tort li jqis li s-sega konsenjata lilu ma kinitx tajba ghall-uzu li ghalih kienet intiza tant li ghalkemm ghamel diversi tentattivi din baqghet ma setghetx tintuza. Ghalhekk fil-mument tal-bejgh u anki sa sitt xhur wara l-attur ma tpoggiex fil-posizzjoni li juza s-sega in kwistjoni ghall-uzu li kienet intiza ghalih.

Irrizulta wkoll fil-mori tal-process li l-fatt li s-sega in kwistjoni ma tahdimx sew bix-xfafar ta' daqs ta' 16mm rega' gie wkoll konfermat fl-ewwel rapport peritali filwaqt li fit-tieni rapport peritali dawn ma gewx pruvati. Kien biss f'uhud mill-okkazzjonijiet fejn gew ippruvati ix-xfafar ta' daqs 20mm li s-sega hadmet tajjeb ghalkemm kien hemm ukoll zewg istanzi fejn din ma hadmitx. Dawn ix-xfafar izda ma kienux gew suppliti lill-attur fil-mument tal-bejgh u sahansitra lanqas fil-perjodu ta' sitt xhur konsegwenti. Ghalkemm fl-atti din il-Qorti ghandha dikjarazzjoni tal-periti perizjuri li tghid li s-sega hija t-tajba ghall-iskop intiz meta wzata bix-xfafar ta'

daqs 20mm, fl-atti ma ghandha l-ebda dikjarazzjoni simili relatata ghall-uzu tas-sega bix-xfafar ta' daqs 16mm filwaqt li x-xfafar izghar ta' 12.5mm suppliti mal-istess sega jidher li qatt ma gew pruvati mill-periti teknici izda meta wzahom l-attur fil-perjodu tas-sitt xhur is-sega ma hadmitx sew u kellha titwaqqaf.
Minn dak kollu suespost u in vista tal-provi u r-relazzjonijiet teknici prodotti lilha l-Qorti tikkonkludi li s-sega in kwistjoni fil-mument li giet konsenjata lill-attur bix-xfafar ta' daqs 12.5mm u wkoll bix-xfafar ta' daqs 16mm suppliti fil-mori tas-sitt xhur konsegwenti ghall-konsenja kienet affetta minn difett mohbi li jirrendiha mhux tajba ghall-uzu li ghalih kienet intiza mill-attur u cioe' tqattiegh ta' blat fil-barriera permezz tal-magna tieghu tant li baqa' qatt ma seta' juzaha f'dan il-perjodu qabel infethet il-kawza.

Il-Qorti tinnota in oltre li l-fatt li kien hemm okkazzjonijiet fejn is-sega in kwistjoni snin wara li din inxtrat hadmet darbtejn sew bix-xfafar ta' 20mm, darba minnhom sahansitra wara li sar 'setting' taghha minn persuni professjonali li ovvjament ma jkunux fuq il-lant tax-xoghol fil-barriera kuljum, xejn ma jnaqqas mill-fatt li fil-mument li din giet konsenjata lill-attur din ma kinitx tajba ghall-uzu li kienet intiza ghalih tant li bl-ebda mod ma qdiet il-bzonnijiet tal-attur.

Il-Qorti tinnota wkoll li n-nuqqas ta' esperjenza tas-socjeta' konvenuta fil-prodott in kwistjoni jidher li seta' wassal ghad-dewmien sabiex l-istess socjeta' tifhem x'kienet il-problema sabiex finalment din is-sega jirnexxielha tilhaq l-iskop li kienet inxtrat ghalih, dan izda ma jfissirx li d-dewmien legalment kien gjustifikat. Ukoll semplici access fuq is-sit tal-attur mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta u analizi tal-*modus operandi* tal-attur qabel ma giet ordnata s-sega in kwistjoni seta' jaghti hafna nformazzjoni lis-socjeta' konvenuta fid-decizjoni ahharija dwar l-oggett li kellu jigi ordnat fic-cirkustanzi kollha (nkluz id-daqs tax-xfafar) u cioe' tqattiegh ta' blat f'barriera, b'magna partikolari wzata fuq 'railings' partikolari, izda s-socjeta' konvenuta naqset milli taghmel dan. Dan in-nuqqas ukoll jidher ukoll li seta' wassal ghal dewmien inaccettabbli sakemm din is-sega finalment irnexxielha tithaddem darba, l-aktar darbtejn b'success. Dan izda ma sehhx mal-konsenja u lanqas fis-sitt xhur konsegwenti ghall-istess izda snin wara u bi xfafar li ma kienux a disposizzjoni ta' l-attur mal-konsenja u lanqas fis-sitt xhur sussegwenti. Zgur li ma jistax jigi pretiz li xerrej jistenna snin shah sabiex oggett li jkun xtara jibda jservi l-iskop li ghalih inxtara.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi finalment din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attrici kif dedotta u filwaqt li tiddikjara li s-'circular saw blade' konsenjata lill-attur kienet affetta minn difett latenti li rrendiha mhux tajba ghall-uzu li ghalih kienet intiza tordna lis-Socjeta' konvenuta thallas lura lill-attur is-somma ta' tmint elef mitejn u sittin euro (€8,260) rapprezentanti l-prezz imhallas mill-attur lis-socjeta' konvenuta ghall-istess 'circular saw blade'.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur